



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 4/26

Il-Lussemburgu, 15 ta' Jannar 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-129/24 | Coillte Cuideachta Ghníomhaíochta Ainmnithe

### Aċċess għal informazzjoni ambjentali (talbiet anonimi): l-Istati Membri jistgħu jeżiġu identifikazzjoni minn qabel sabiex jiżguraw l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri, minkejja li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix tali identifikazzjoni

Coillte Cuideachta Ghníomhaíochta Ainmnithe (iktar 'il quddiem "Coillte") hija impriża kummerċjali forestali li tappartjeni parzjalment lill-Istat Irlandiż. Bejn l-10 ta' Marzu 2022 u s-7 ta' Ġunju 2022, Coillte rċeviet 130 talba għal aċċess għal informazzjoni ambjentali. 97 minnhom saru minn applikanti anonimi jew li użaw psewdonimi ġeneralment ispirati minn personaġġi ta' films u kienu jiġu ppreżentati f'format identiku jew kważi identiku, mingħajr ma kien għe pprovdut indirizz postali. Il-kontenut ta' dawn it-talbiet kien simili ħafna, li wassal lil din l-impriża tqis li dawn it-talbiet kienu jagħmlu parti minn kampanja organizzata mmexxija għal raġunijiet kontestabbli, u titlob lill-"applikanti" jikkonfermaw l-identità tagħhom.

Peress li ma rċeviet ebda risposta, Coillte ħadet dawn it-talbiet bħala invalidi. Total ta' 81 deċiżjoni ta' ħafna ġew ikkontestati quddiem il-Kummissarju għall-Infurmazzjoni Ambjentali li, wara li eżamina l-ewwel 58 każ, ikkonkluda li Coillte ma setgħetx tiċħad dawn it-talbiet fid-dawl tar-regoli nazzjonali Irlandiżi.

Il-Qorti Irlandiża adita b'tilwima dwar id-deċiżjoni ta' dan il-Kummissarju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-Direttiva dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali <sup>1</sup> f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, id-dritt li jitressqu talbiet għal aċċess għall-informazzjoni b'mod anonimu.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, minkejja li **d-Direttiva ma teħtieġx l-iżvelar tal-isem reali jew tal-indirizz postali attwali ta' persuna li titlob informazzjoni ambjentali, hija ma tipprekludix li dawn l-elementi jintalbu mill-awtoritajiet nazzjonali abbażi tad-dritt nazzjonali.**

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-Istati Membri jistgħu, fl-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jimponu identifikazzjoni minn qabel meta tali rekwiżit ikun iġġustifikat sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament tajjeb tal-proċedura. Minn dan isegwi li regoli nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jobbligaw lill-applikant jindika ismu veru u l-indirizz postali attwali tiegħu, huma kompatibbli mad-Direttiva, bil-kundizzjoni li dawn ir-regoli ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma jagħmlux l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività).

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli](#), [is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq ['Europe by Satellite'](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunsill 90/313/KEE.